# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 29 ta' April 2002**

**Avviz. numru 202R/02**

**Numru 29**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 205/02 fl-ismijiet:**

**Ashley Giordano**

**vs**

**Aldo Joseph Giordano iben Carmel Giordano ID 436660M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami presentat minn Aldo Giordano u li bih ir-rikorrenti, wara li espona bir-rispett:

1. Illi bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq riferit, martu Ashley Giordano talbet u otteniet is-sekwestru tas-somma ta' seba mija u disa u sittin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm769.23) allegatament dovuti mill-esponent bhala arretrati ta' manteniment f'isem uliedha minuri ai termini ta' att pubbliku tas-16 ta' April 1996 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia, liema kuntratt gie allegatament rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Ottubru 2001.

2. Illi dan il-mandat inhareg bl-iktar mod irregolari u vessatorju ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Minkejja li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat saret lil din l-Onorabbli Qorti, kif jidher mill-ittra ufficjali esebita mal-mandat bhal Dok AG2, din giet presentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 264(2) tal-Kap 12. Jigi hawn rilevat li ghalkemm fl-imsemmija ittra ufficjali ma issemmiet ebda somma li kellha tithallas izda biss "l-arretrati li huma dovuti lilha", effettivament dawn l-arretrati li mart l-esponent talbet bil-mandat odjern huma evidentement fil-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux fil-kompetenza tal-Prim' Awla. Ghal kull buon fini jigi espressament dikjarat li mid-data tal-ittra ufficjali sal-hrug ta' dina l-mandat, l-esponent ma ghamel ebda pagament ta' dawn l-

arretrati li huwa baqa dejjem jikkontesta u ghalhekk il-kontro parti qatt ma tista tallega li l-arretrati fil-mument li pprezentat l-ittra ufficjali kienu f'xi ammont li kien jidhol fil-kompetenza tal-Prim Awla.

(b) Bl-istess fatt fuq imsemmi li permezz tal-ittra ufficjali fuq indikata, l-esponent ma giex interpellat ihallas ammont specifiku izda biss "l-arretrati dovuti", jigi sottomess li tali interpellazzjoni hija proceduralment nulla ghal fini biex tirrendi l-kuntratt ezegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12 ghaliex l-interpellazzjoni lil persuna biex ihallas xi haga ma tistax tkun vaga izda ghandha tkun interpellazzjoni ghall-hlas ta‘ ammont specifiku. Inkella kif jista il-persuna intimata jottempera ruhu ma l-interpellazzjoni meta, bhal kif qed jigi allegat fil-kaz odjern (vide Dok AG3), l-ammont allegatament dovut jikkonsisti f'diversi komputazzjonijiet ta' ammonti fuq firxa ta' numru konsiderevoli ta' snin li sahansitra jinzlu fid-dettal ta' centezmi?. Hawn l-esponenti jiddikjara u jikkonferma li l-prospett esebit mal-mandat bhala Dok AG3 qatt ma gie notifikat lilu qabel it-talba ghall-hrug tal-mandat – anzi jirrileva li b'ittra ufficajli ohra mibghuta minn martu fid-29 ta' Awissu 2001, din kienet interpellatu jhallasha is-somma ta' Lm1423.69 u cioe kwazi d-doppju ta' dak mitlub fil-mandat

odjern!!. Din l-ittra ufficjali, bhal dik odjerna, ukoll giet presentata irregolarment fil-Prim'Awla minnflok fil-Qorti tal-Magistrati.

(c) L-ikbar irregolarita pero fil-procedura wzata (jew ahjar abbuzata) minn martu jikkonsisti fil-fatt li hi ppruvat tirrendi ezegwibbli kuntratt pubblikat f'April tas-sena 1996 u cioe oltre t-terminu ta' hames snin mid-data tieghu – haga li tikser b'mod evidenti id-dispositiv tal-artikolu 258 tal-Kap 12 li ma jippermettix la sentenzi u l-ebda titolu iehor ezekuttiv li jigi rez ezegwibbli jekk mhux wara li ssir il-procedura kontemplata f'dak l-artikolu.

3. Illi b'ittra ufficjali presentata fis-6 ta' Settembru 2001 (annessa mar-rikors bhala Dok G1) b'risposta ghall-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 2001 fuq imsemmija, l-esponent kien espressament avza lil martu b'dawn l-irregolaritajiet, u, wara li injoratu u regghet ippresentat l-ittra ufficjali l-ohra tas-17 ta' Ottubru 2001 (Dok AG 2 annessa mal-mandat), rega avzaha biex ma tkomplix b'din il-procedura irregolari permezz ta' ittra legali datata 22 ta 'Ottubru 2001 (annessa mar-rikors bhala Dok G2). Minkejja anke dawn l-avvizi, martu xorta kompliet tipprocedi bil-hrug tal-mandat odjern. Dan juri bic-car kemm dan il-mandat inhareg bl-iktar mod vessatorju u jintitola lir-rikorrent odjern jitlob id-danni, kif fil-fatt qieghed jitlob, ai termini tal-artikolu 282 tal-Kap 12. Hawn jigi

rilevat li fiz-zmien li martu ippresentat l-ittri ufficjali fuq imsemmija fejn hedditu li tezegwixxi l-kuntratt ta' separazzjoni , l-esponent kien impjegat f'kariga pjuttost gholja mal-Bank Centrali ta' Malta – kariga li bl-agir irresponsabbli ta' martu setghet tippregudikah serjament f'ghajnejn il-Bank.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-allegati arretrati mhumiex fil-fatt dovuti stante li t-tnaqqis mill-hlas tal-alimenti sar bil-kunsens ta' l-istess martu meta din f'diversi okkazjonijiet siefret u halliet it-tfal warajha jew ma missierha stess (f'liema kazijiet l-esponent kien jghaddi l-flus tal-manteniment direttament lil missierha jew ma l-istess esponent ( u allura l-alimenti ghal tali perjodu tas-safar ma kienux dovuti).

Talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tal-283A tal-Kap 12, thassar "in toto" il-mandat fuq riferit, b'riserva ghar-rikorrent li jipprocedi kontra martu ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 282 tal-istess Kap.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors (fol 5 sa fol 7 tal-atti).

Rat id-digriet taghha precedenti (fol 9 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimata (fol 15 et seq ibid) u li biha esponiet illi l-esponenti giet notifikata b'rikors ta' Aldo Joseph Giordano datat 8 ta' Marzu 2002 u nghatat jumejn zmien ghar-risposta u tinnota ghal kull buon fini illi ma gietx notifikata b'avviz ta' smiegh;

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u r-rikors tieghu ma hu xejn ghajr tentattiv iehor sabiex ikompli jcahhad lill-esponenti mill-manteniment dovut lilha f'isem uliedha, u dan kif ser jigi spjegat ahjar aktar l'isfel –

1. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, fis-semplicita' taghhom, huma li permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tas-16 ta' April 1996, fl-atti tan-Nutar Marco Burlo', r-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas lill-esponenti martu manteniment ghal ulied il-partijiet fl-ammont ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) fix-xahar, b'awment ta' hames liri Maltin (Lm5) fix-xahar kull tlett snin. Minkejja din l-obbligazzjoni, r-rikorrent deher li ma kienx bi hsiebu jhallas sehemu ghall-manteniment ta' uliedu. Ghalhekk huwa beda arbitrarjament u kif ifettillu jaghmel tnaqqis mill-manteniment li kien obbligat li jhallas. Dan jidher car mill-prospett anness mal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv promotorju. Kull talba ta' l-esponenti sabiex ir-rikorrent ihallas il-manteniment minghajr tnaqqis waqghet fuq widnejn torox. Wara l-kuntratt ta'

separazzjoni r-rikorrent ma ghamel ebda procedura biex b'xi mod jittenta jnaqqas il-manteniment dovut minnu (del resto, il-Qorti kompetenti ma kellhiex fakolta' li tnaqqas manteniment pagabbli ghall-minuri, volontarjament kontrattat mir-rikorrent fuq att ta' separazzjoni u certament mhux fl-interess suprem tal-minuri li l-manteniment jitnaqqas).

2. Huwa car illi l-kuntratt ta' separazzjoni tas-16 ta' April 1996, fl-atti tan-Nutar Marco Burlo', ikkrea titolu ezekuttiv favur l-esponenti ghal dak li jirrigwarda hlas ta' manteniment. L-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 jipprevedi illi "il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjali pubbliku iehor awtorizzat li jircievihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq" huma titolu ezekuttivi. Id-dejn in kwistjoni mhu xejn ghajr il-manteniment dovut mir-rikorrenti. Huwa dejn li fl-istess kuntratt gie likwidat fl-ammont hemm indikat. L-istess att pubbliku jaghmel id-dejn cert lill hinn minn kull dubbju.

3. Ir-rikorrenti jaghmel diversi sottomissjonijiet ta' natura procedurali sabiex jitfa dubju dwar il-metodu addottat mill-esponenti fl-ezekuzzjoni tal-kreditu taghha:

(a) Huwa jghid illi l-ittra ufficjali, li rrendiet ezegwibbli l-kuntratt pubbliku giet prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta, stante l-ammont li hu dovut lill-esponenti, kellha ssir fil-Qorti tal-Magistrati . Bir-rispett kollu l-esponenti ma taqbilx li dan il-fatt b'xi mod itellef l-ezegwibbilita' tal-kreditu. L-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 jghid ili "L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-inqas minn notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju". M'hemmx dubju li l-ittra ufficjali ipprezentata mill-esponenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija att gudizzjarju u ghalhekk hija intitola tezegwixxi l-kreditu taghha. L-argument dwar il-kompetenzi tal-Qrati huwa ghalhekk irrelevanti.

(b) Ir-rikorrenti jilmenta wkoll illi fl-imsemmija ittra ufficjali ma ntalabx ihallas ammont specifiku izda biss "l-arretrati dovut". L-imsemmi artikolu 256(2) tal-Kap. 12 mkien ma jipprovdi li jrid jinghata ammont specifiku izda jippretendi biss "sejha ghall-hlas" Ir-rikorrenti jaf bejn tajjeb li kien qieghed jaghmel tnaqqis mhux awtorizzat mill-pagamenti ta' manteniment. Meta gie interpellat sabiex ihallas arretrati ta' manteniment kien jaf sew ghal xiex kienet qeghda tirreferi l-esponenti. Wara kollox ir-rikorrenti huwa bankier u ghandu l-mezzi biex jaghmel il-kalkoli tieghu. Huwa minnu li l-esponenti talbet ammont ghola qabel l-ahhar ittra

ufficjali taghha.  Dan l-ammont kien jinkludi ammonti ohra dovuti mir-rikorrenti fuq nuqqas ta' hlas ta' assikurazzjoni medika, u ghalhekk ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma dawn il-proceduri. Dawn sejrin ikunu l-mertu ta' proceduri ad hoc aktar 'l quddiem. Jidher li qeghda ssir referenza ghal din l-ittra bl-iskop specifiku li jintefa' xi dubju fuq l-ammont tassew dovut, meta dubju m'hemmx. Anzi hemm precizjoni u certezza kif jirrizulta mill-prospett ezebit mill-esponenti.

(c) It-tielet ilment procedurali tar-rikorrent huwa li l-esponenti ma segwietx il-procedura prevista fl-artikolu 258 tal-Kap 12. Hawnhekk ukoll ir-rikorrenti huwa zbaljat.  L-artikolu 258 jrid illi ssir procedura ta' konferma ta' kreditu <u>meta jghaddu hames snin minn dakinhar li skond il-ligi titolu ezekuttiv seta' gie ezegwit</u>. Huwa lampanti illi t-titolu ezekuttiv seta' jigi ezegwit biss wara li ghaddew jumejn minn notifika ta' sejha ghall-hlas skond l-artikolu 256(2).  Minn tali notifika ma ghaddewx hlief gimghat.

4. Kull referenza ghall-hlas ta' danni mill-esponenti lir-rikorrenti hija irrelevanti ghal dawn il-proceduri, stante illi effettivament mhux qeghdin jintalbu.  Jinghad biss illi l-esponenti agixxiet dejjem in buona fede u fl-ahjar interess ta' uliedha, li jistghu isofru

pregudizzju kemm il-darba r-rikorrent jibqa jwebbes rasu u jinsisti li ma jhallasx il-manteniment kollu dovut minnu.

5. Ir-referenza tar-rikorrent li l-esponent setghet tat il-kunsens taghha sabiex il-manteniment ma jithallasx fl-intier tieghu hija wkoll bla fundament logiku. L-esponenti qatt ma tat tali kunsens u qatt ma kellha interess li ttih. Ir-rikorrenti kien jaghmel tnaqqis kif jiftillu, daqqa ghax xtara zarbun ghall-minuri, daqqa ghax hallas xi lezzjoni privata, daqqa ghax hallas baby sitter, qishom mhux uliedu wkoll!. Illi dan kollu l-esponenti lesta tippruvah waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors ai termini ta' l-artikolu 283A(2) tal-Kap 12.

U talbet li t-talba kif dedotta mir-rikors in esami tigi michuda.

Rat dak verbalizzat a fol 20 tal-atti.

Semghet lill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in forma preliminari, qed jinghad li dan id-digriet qed jinghata bil-lingwa Maltija, peress li r-rikors promotur u r-risposta relattiva gew intavolati f'’din il-lingwa (ara fol 20 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-partijiet involuti, mizzewgin izda separati konsenswalment, kienu iffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni fis-16 ta’ April 1996 kif risultanti mill-att pubbliku iffirmat minnhom bil-kunsens tal-Qorti kompetenti skond kif jidher a fol 27 tal-atti. Skond l-istess kuntratt il-kura u kustodja tat-tfal minuri naxxenti mill-istess zwieg, giet fdata f’idejn l-intimata (paragrafu 5) dan suggett ghall-kondizzjonjijiet u modalitajiet hemm inkluzi. Fost dawn hemm il-hlas da parti tar-rikorrenti lill-intimata, ta’ manteniment, in rigward it-tlett itfal minuri, iffissat fl-ammont ta’ Lm180 fix-xahar, mizjud b’Lm5 fix-xahar kull tlett snin u dan apparti l-hlasijiet necessarji in rigward l-edukazzjoni tal-istess tfal minuri kif ukoll in rigward assikurazzjoni medika. Fl-istess kuntratt jinghad li tali manteniment kellu jigi ridott awtomatikament b'terz meta xi hadd mill-istess tfal minuri jottjeni l-maggor eta’ jew jimpjega ruhu. Oltre l-imsemmi ammont dovut bhala manteniment ghall-istess

tfal minuri, l-intimata kienet ukoll intitolata li tircievi kull forma ta' "allowance".

Illi mill-istess kuntratt ma jidhirx li ir-rikorrenti kien b'xi mod intitolat jaghmel xi tnaqqis, sew unilateralment sew bil-kunsens tal-intimata, mill-ammont li din kellha tircievi qua manteniment kif hawn fuq specifikat. Difatti fl-istess kuntratt ma giet inserita ebda klawsola f'dan ir-rigward. Ghalhekk din il-Qorti tara li r-rikorrenti, minghajr l-awtorita' tal-Qorti kompetenti, ma setax jaghmel tali tnaqqis.

Ikkunsidrat

Illi, cjononostante, kif risultanti a fol 34 sa 56 tal-atti (ara ukoll fol 85 sa 87 tal-istess atti) tali tnaqqis kien sar u ghalhekk l-intimata ipprocediet sabiex tithallas dawn l-arretrati bil-procedura stipulata fl-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jinsab inserit taht it-titolu VII li jirregola l-esekuzzjoni ta' sentenzi u ta' titoli ezekuttivi ohra fosthom kuntratti publikati minn Nutar Publiku meta l-istess kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u dovut ossija li ghalaq. F'dan il-kaz tista' issir ezekuzzjoni wara jumejn ghall-anqas minn notifika ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju. Inoltre, wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-

nhar li fih skond il-ligi it-titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit l-esekuzzjoni tista' ssir wara talba "ad hoc" permezz ta' rikors quddiem il-Qorti kompetenti akkompanjat b'dak kollu stipulat fl-artikolu 258.

Illi, fil-kaz in desamina, l-intimat l-ewwel interpellat lill-istess rikorrenti sabiex jhallas l-arretrati in kwistjoni, permezz ta' ittra ufficjali presentata fl-17 ta' Ottubru 2001 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (ara fol 58 tal-atti).  Sussegwentement, l-intimata intavolat il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni (205/02) esebit in atti a fol 57 u presentat fl-24 ta' Jannar 2002.

In rigward dan jigu notati s-segwenti:

(a) Jidher li l-arretrati in kwistjoni, huma dovuti <u>mill-1 ta' Mejju 1997</u> u b'hekk ma kienux ghaddew il-hames snin hawn fuq imsemmija sabiex jista' jigi esegwit, it-titolu esekuttiv f'dan il-kaz b'referenza ghall-manteniment imsemmi. In rigward dan, jerga jinghad li ma skadiex il-perjodu ta' hames snin minn meta kull bilanc dovut "qua" pagament tal-manteniment stabbilit seta jigi esegwit bil-procedura skond il-ligi.

(b) Fir-rikors promotur jinghad li l-ittra ufficjali imsemmija ma saritx skond il-ligi ghax presentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. In rigward dan il-punt, jidher li hu minnu li din l-ittra ufficjali saret fil-Qorti Superjuri waqt li kellha tigi presentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) minhabba kompetenza "ratione valoris". Certament pero' dan il-punt, altament ta' natura teknika, ma jnehhiex l-effikacja tal-istess ittra ufficjali u b'hekk ghandha tkun konsiderata bhala "att gudizjarju" validu ghal kull effett u fini fil-ligi taht l-artikolu 256(2) citat (ara "peranologia" l-artikolu 2129 tal-Kodici Civili li jittratta punt simili izda in rigward interruzzjoni ta' preskrizzjoni).

(c) Fl-istess rikors jinghad li l-istess ittra ufficjali kienu intalbu "l-arretrati dovuti" u mhux somma specifikata. In rigward dan il-punt, jidher li kif saret l-istess ittra ufficjali hu sufficjenti sabiex jkun sodisfatt dak stipulat fl-artikolu 256(2) hawn fuq citat in vista li f'dan il-kaz is-sekwestru in esami sar "Wara jumejn …. minn notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju".

Ikkunsidrat

Illi maghmulin tali konsiderazzjonjiet jidher li r-rikors in esami ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Deputat Registratur